MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1012/2001/1

**Hani Harb**

**vs**

**Isabelle Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu civilment hawn Malta fid-29 ta' Frar 1996;

Illi meta l-partijiet izzewgu, l-attur kellu biss tmintax-il sena, filwaqt illi l-konvenuta kella sitta w ghoxrin sena u kellha tlett itfal mhux tieghu;

Illi l-partijiet kienu ilhom flimkien biss sena w ir-relazzjoni taghhom, da parti ta' l-attur, kienet biss wahda ta' infatwazzjoni infantili;

Illi tant kien hekk illi wara biss sena miz-zwieg, iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser u waslu biex jisseparaw;

Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null *stante* li hu vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha a tenur tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Att dwar iz-Zwieg;

Illi dan iz-zwieg huwa null ukoll ghar-ragunijiet illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga skond l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255).

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fid-29 ta' Frar 1996 huwa null u bla effett a tenur tal-Artikolu 19 (1) (d) u (1) (f) tal-Att dwar iz-Zwieg ghar-ragunijiet imputabbli lill-partijiet.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbali tal-1 ta’ Frar 2002, tas-7 ta’ Mejju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u tad-19 ta’ Gunju 2002 fejn dehret il-konvenuta li tat ruhha b’notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. Il-partijiet iddikjaraw li ilhom ma jghixu flimkien ghal dawn l-ahhar tlett snin u ilhom separati bil-kuntratt min-1996. Inghata digriet tal-affidavit lill-partijiet ta’ 40 jum kull wiehed.

Rat in-nota tal-attur tat-2 t'Awissu 2002 fejn prezenta l-affidavit tieghu u ta' missieru (fol 16 sa 22).

Rat il-verbal tas-27 ta' Novembru 2002 fejn Dr Edward Saliba ghall-attur talab korrezzjoni fis-sens li x-xahar ta' Mejju jigi sostitwit bi Frar fic-citazzjoni attrici u kull fejn jirrikorri. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-konvenuta giet imsejha tlett darbiet u baqghet ma dehritx, ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003.

Rat li l-konvenuta ghalkemm tat ruha b'notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh waqt is-seduta tad-19 ta' Gunju 2002 (fol 14) baqghet ma prezentat l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>(A) Provi Prodotti</u>

Illi fl-affidavit tieghu **l-attur Hani Harb** sostna s-segwenti:

"*1. Illi jiena sirt naf lil Isabelle Agius f'Ottubru tas-sena 1995, u minnufih bdejt nohrog maghha.*

*2. Illi din kienet I-ewwel relazzjoni 'serja' tieghi wara Ii kelli xi "flirts" ma tfajliet fis-6th Form, kienet ukoll I-ewwel darba Ii bdejt nohrog ma' tfajla akbar minni.*

*3. Illi missieri kien kellimni diversi drabi biex ifehmni Ii Isabelle ma kienetx il-mara addattata ghalija w dan ghaliex kien hemm differenza fl-eta`, kif ukoll il-fatt Ii kellha tlett itfal minn irgiel ohra. Huwa kemm-il darba qalli Ii ma kontx qieghed inqies is-sitwazzjoni sew u Ii din kienet biss infatwazzjoni infantili.*

*4. Illi jiena w Isabelle izzewwigna fid-29 ta' Frar 1996, jigifieri wara hames xhur biss mill-ewwel darba li konna ltqajna.*

*5. Illi jiena kelli tmintax-il sena meta zzewwigna w sa' dak iz-zmien jien kont ghadni nghix fid-dar tal-genituri tieghi. Isabelle minn naha l-ohra kienet tmien snin akbar minni u kellha sitta w ghoxrin sena meta zzewwigna.*

*6. Meta jiena nfurmajt lil missieri li kont ser nizzewweg lil Isabelle ghal darba ohra qalli u wissieni li ma kontx qed naghmel l-ghazla t-tajba w dik ghaqlija.*

*7. Illi jiena aktar webbist rasi w kelli hafna argumenti ma' missieri fuq dan u ma ridtx nisma' minghandu ghax deherli li jien kont fir-ragun u b'pika ridt li tghaddi tieghi: nizzewweg lil Isabelle.*

*8. Illi wara li zzewwigna morna nghixu flimkien f'Flat 1, Tonna Street, Sliema, ahna t-tnejn wahedna, u wara xi erba' xhur li zzewwigna, t-tfal taghha bdew jigu w jorqdu fid-dar taghna ghal xi granet matul il-gimgha.*

*9. Illi jiena bdejt inhossni skomdu mat-tfal taghha w dan ghaliex dawn ma kienux it-tfal tieghi u meta zzewwigt ma ssoponejtx illi kienu se jigu joqghodu maghna.*

*10. IIli fis-sajf ta' dik is-sena (1996), it-tieni tifel taghha li kien jghix l-Ingilterra, ukoll gie joqghod maghna ghax-xhur tas-sajf, jghix u jorqod maghna.*

*11. IIli jiena bdejt inhossni mdejjaq ghax bdejt inhossni mwarrab u bdejt ngib quddiem ghajnejja l-futur tieghi ma' Isabelle li kien jikkomprendi t-tfal taghha, li meta zzewwigt ma kontx irrejalizzajt li kien ser ikolli din ir-responsabbilta`.*

*12. Illi ndunajt ukoll illi lil Isabelle ma kontx nafha sewwa w aktar ma beda jghaddi iz-zmien aktar bdejt ninduna li ma konniex maghmulin ghal xulxin. Isabelle fil-fatt kienet mara traskurata, li ma kienetx tapprezza s-sagrificcji li kont qed naghmel ghalina t-tnejn u kemm-il darba rajtha tberbaq il-flus li kont naqla’ bl-addocc.*

*13. Illi bdjet ingib quddiem ghajnejja d-diffikultajiet li kienu qed jinholqu u li kienu ser jinholqu fil-futur meta jien kien ser ikolli t-tfal tieghi xi nrabbi.*

*14. Illi meta ddiskutejt din is-sitwazzjoni ma' Isabelle, b'sorpriza kbira ghalija, qaltli li hi ma ridetx ikollha tfal minghandi.*

*15. Illi hawnhekk jiena aktar bdejt nhossni mdejjaq ghaliex ma bdejtx nara futur bejnietna, jiena xtaqt li jkolli tfal tieghi xi nrabbi, izda meta hi qaltli hekk, hassejt id-dinja taqa' fuqi w bdejt inqies li ma kienx hemm futur ghar-relazzjoni taghna.*

*16. Illi jiena kellimtha diversi drabi, izda hi sostniet illi ma ridetx izzid mat-tfal li diga' kellha u ghalhekk ma kellniex ghazla ohra hlief li nisseparaw, ghaliex jiena ridt nibni familja tieghi, bit-tfal tieghi.*

*17. Illi fil-fatt ahna sseparajna fit-12 ta' Gunju 1997, izda jiena nixtieq li nibni familja tieghi u li jkolli t-tfal tieghi w biex naghmel dan irrid nizzewweg."*

Illi fl-affidavit tieghu **missier l-attur Abdul Rahman** qal is-segwenti:

*"1) Illi jiena nigi missier Heni Harb;*

*2) Illi t-tifel tieghi beda johrog ma' Isabelle Agius fl-ahhar tas-sena 1995;*

*3) Illi jiena mill-ewwel ghidtlu li ma kienx qieghed jaghmel ghazla ghaqlija u dan ghaliex it-tifel tieghi kien izghar b'tmien snin, kellu biss tmintax-il sena w Isabelle kellha diga' tlett itfal taghha minn irgiel ohra;*

*4) Illi jiena ppruvajt nikkonvinci lil Heni diversi drabi sabiex jwaqqaf ir-relazzjoni ma' Isabelle, izda hu webbes rasu;*

*5) Illi Heni huwa l-uniku tifel tieghi u jiena u marti ghamilna hafna sagrificci sabiex inrabbuh tajjeb. Huwa kien jattendi l-iskola ta' St. Edwards u kien dejjem tifel ghaqli u obbidjenti, izda meta ltaqgha ma' Isabelle, il-hajja tieghu nbidlet mill-lejl ghan-nhar. Jiena u hu kellna relazzjoni tajba hafna, izda meta ltaqgha ma' Isabelle hu kien jara lilha biss, kien ghamilha c-centru tal-hajja tieghu u ma bediex iqis ir-responsabbiltajiet li kien se jidhol ghalihom;*

*6. Illi niftakar darba minnhom bil-lejl xi ftit gimghat wara li beda johrog ma' Isabelle, ma konniex nafu fejn insibu lil Heni, hu kien dejjem jidhol id-dar fil-hdax ta' bil-lejl, izda dak in-nhar ma dahalx. Huwa kien fil-fatt rega' gie lura fil-hamsa ta' wara nofsinhar tal-gurnata ta' wara u dan ghaliex kien hareg ma' Isabelle.*

*7. Illi jiena u marti dejjem xtaqna l-gid ghat-tifel u hassejna li kellna nippruvaw inpogguh lura fit-triq it-tajba, izda f'Jannar tal-1996, Heni qalli li kien ser jizzewweg ma' Isabelle. Ghal darba ohra ghidtlu li kien ghadu zghir wisq biex jizzewweg, li Isabelle kienet hafna akbar minnu fl-eta` u diga kellha tfal minn ma' rgiel ohra. Ippruvajt infehmu illi kien ser jidhol ghal responsabbilta` li ma kienux tieghu w li ma kienx lest li jiffacjahom.*

*8. Illi jiena kelli nbaxxi rasi ghar-rieda tat-tifel u dan ghaliex kien it-tifel uniku tieghi w kont imdejjaq bl-argumenti kollha li kien qed ikollna fuq din il-bicca xoghol. Barra minnhekk il-mara tieghi kienet qed tinkwieta hafna.*

*9. Illi wara li zzewweg, minnufih indunajt li Heni ma kienx ghal galbu w dan ghaliex Isabelle kienet mara traskurata, fil-fatt Heni kien jahdem hafna sabiex jaqla' l-ghixien tieghu w taghha, izda hi ma kienetx tapprezza w kemm-il darba rajtha tonfoq u tberbaq flus bl-addocc, kif ukoll taghti flus lin-nies barranija. Isabelle qatt ma wriet sens ta' responsabbilta`.*

*10. Illi l-hajja taghna kienet inbiddlet ukoll u dan ghaliex mhux biss tlifna t-tifel taghna izda bdejna naraw li matul iz-zmien kien qieghed jitkisser hu wkoll.*

*11. Illi Heni ried jibni familja tieghu, izda dan ma setghax jaghmlu ghaliex il-mara tieghu ma riditx ikollha tfal minn ma' Heni u dan ghaliex kellha tlett it-tfal ohra diga' xi trabbi. Aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar bdejt nara lil Heni mdejjaq u dan kemm ghaliex kien imdejjaq ma' Isabelle, kif ukoll ghall-fatt li nduna li kien weggha lil ommu w lili bid-decizzjoni tieghu.*

*12) Illi ghal Heni, il-fatt li jkollu tfal tieghu w jibni familja, kienet haga mportanti hafna, izda dan ma setax jaghmlu ma' Isabelle w fil-fatt huma sseparaw fit-12 ta' Gunju 1997."*

**(B) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi qabel xejn huwa doveruz illi wiehed jirrimarka fuq il-fatt illi f'din il-kawza effettivament ma gietx registrata oppozizzjoni da parti tal-konvenuta ghat-talba attrici biex iz-zwieg in kwistjoni jigi dikjarat null u bla effett. Fil-fatt il-konvenuta tat ruhha b'notifikata waqt is-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fid-19 ta' Gunju 2002 pero` hija baqghet ma resqet l-ebda nota ta' eccezzjonijiet (ghalkemm il-kontumacja fiha nnifisha hija forma ta' kontestazzjoni). Madanakollu, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrani, f'dawn it-tip ta' kawzi u cjoe' kawzi ta' annullament, anke meta ma jkunx hemm kontestazzjoni mill-parti l-ohra u addirittura f'kazijiet fejn il-parti konvenuta tirregistra ammissjoni ghat-talba attrici, xorta wahda jehtieg illi jigi stabbilit illi hemm bazi reali u legali ghall-pronunzjament tal-annullament taz-zwieg. *Di fatti* fil-kawza fl-ismijiet **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) deciza fit-30 t'April 2002), il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat il-premess:-

*"Illi qabel xejn ghandu jigi osservat li f'din il-kawza l-konvenuta tidher li qed tammetti ghat-talbiet attrici, izda kif gie ritenut fis-sentenza* ***"Alexandra sive Sandra***

***Farrugia vs Raymond Farrugia"*** *(A.C. 15 ta' Jannar 2002 – Cit. Nru. 165/95VDG) anke fil-kaz ta' "ammissjoni ta' xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara wkoll* ***"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"*** *(PA – 4 ta' Novembru 1994);* ***"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"*** *(PA – 3 t'Ottubru 1995);* ***"Evelyn Agius vs John Borg"*** *(PA – 4 t'Ottubru 1995);* ***"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"*** *(PA – 10 ta' Novembru 1995);* ***"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *(PA – 21 ta' Novembru 1995);* ***"Terrence Richard vs Maria concetta Richard nee' Goodlip"*** *(PA – 22 ta' Frar 1996);* ***"Alfred Tonna vs Maria Tonna"*** *(PA – 31 ta' Jannar 1996);* ***"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"*** *(PA – 16 ta' Settembru 1996)".*

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*"**(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' **Viladrich**:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and*

*volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J., "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."*** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens*

*mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali* ***("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *– P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibbilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu* ***(d)*** *ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju 1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' "*discretio judicii*" hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (***Forum****, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gja` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non*

*richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena" **(Pompedda, M.F., "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – **Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995)".*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju **("Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux

necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega **Bersini**, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)" **(Bersini, F., "Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per*

*la deliberazione volitiva, dovra’ essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all’ assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l’ esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’ atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’ eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio” (ibid. pp. 97-98).*

Illi hawnhekk il-Qorti, kif qalet fil-kawza **“Trudel Camilleri Balzan vs Wayne Camilleri”** (P.A. (RCP) 12 ta’ Dicembru 2003, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta’ ghazla facli, u dan kif gja` gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*“… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un’ affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e*

*quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (**Pompedda, M.F., "Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif inghad fis-sentenza **"Carmelo Farrugia vs Josephine Haber"** (P.A. (RCP) 26 ta' Novembru 2002) "il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **{Can. 1095 (3)}** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere".*

*"L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale", jghid il-**Bersini**, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso" (op. cit., p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma anke skond is-sentenza **"Angel Spiteri vs Joseph Spiteri"** (P.A. 4 ta' Novembru 1994) *"the*

*obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J**., op. cit., p. 687).*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom "*the community of life and love*".

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-*

*zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) inoltre l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*"**art.19 (1) (f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza **"Theresa Taguri nee' Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru.

3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

**(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur izzewweg lill-konvenuta meta huwa kellu 18-il sena u hija kellha 26 sena u wkoll diga kellha tlett itfal. Jirrizulta wkoll li l-partijiet izzewgu wara biss hames xhur li ltaqghu l-ewwel darba, u m'hemmx dubbju li r-raguni ghaliex l-attur ghamel dan il-pass kien biss minhabba infatwazzjoni kbira li huwa kellu fuq l-attrici, li tmur lill-hinn minn semplici mmaturita` ghaliex jidher li ma kkonsidra xejn dwar il-hajja futura mal-konvenuta u fuq kollox ma kienx lest li jaccetta dak li kien ovvju fuq il-persuna tal-konvenuta u cioe` li diga kellha tlett itfal qabel iz-zwieg mieghu u jidher li wara z-zwieg kien mahsud bil-fatt li t-tlett ulied ta' l-istess konvenuta kienu eventwalment ser jghixu maghhom.

Illi dan jindika li l-partijiet fuq dan il-punt lanqas jidhru li tkellmu fuqu qabel iz-zwieg, meta hija stramba li tikkonsidra li l-konvenuta ma hbiet xejn dwar uliedha mill-istess attur; dan pero` juri l-istat li kien fih l-attur meta ta l-

kunsens tieghu ghal tali zwieg *stante* li jidher li huwa mexa biss fuq il-gibda u l-fissazzjoni li kellu fuq il-konvenuta minghajr ma kkonsidra xejn izjed, inkluz id-divergenzi kbar li ovvjament tali sitwazzjoni kienet ser tohloq ghall-hajja tieghu, u certament jidher li ma kienx preparat ghaliha. F'dan il-kuntest jinghad li certament li l-attur kellu vizzju ta' kunsens minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet naxxenti minnha li rrenduh inkapaci li jikkontratta dan iz-zwieg validament. Allura tali zwieg ghandu jigi dikjarat null ghar-ragunjiet mputabbli lill-attur skond l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**.

Illi min-naha l-ohra jinghad ukoll mix-xhieda prodotta mill-attur, li bl-ebda mod ma giet ikkontestata mill-konvenuta li baqghet ukoll kontumaci, li l-istess konvenuta ghamlet kundizzjoni fil-mument taz-zwieg taghha dak iz-zmien minghajr ma nvolviet lill-attur fiha, li hija ma ridietx ikollha tfal mill-istess unjoni taghha mal-attur, u kkundisrat il-fatt li l-prokreazzjoni tal-ulied hija wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg kif koncepit f'dan il-pajjiz u skond il-ligi nostrali, certament li l-konvenuta kellha vizzju ta' kunsens *stante* li eskludiet posittivament wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg u ghalhekk hemm kaz li dan iz-zwieg jigi annullat anke abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** din id-darba ghar-raguni mputabbli lill-konvenuta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fid-29 ta' Frar 1996 huwa null u bla effett a tenur tal-**Artikolu 19 (1) (d) u (1) (f) tal-Att dwar iz-Zwieg** ghar-ragunijiet imputabbli lill-partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------